dawk li huma ġodda, fil-waqt li s-Sur Attard, Kummissarju ta' Għawdex, qara xi sunetti fuq Għawdex ta' l-istess Poeta.

Din il-laqgħa, li kellha iktarx minn Akkademja tal-Poeżija Pisanjana, iżżewqet tajjeb ħafna bil-Kor tat-tfajliet fiż-*Żifna tal-Kuluri* b'fond mużikali fuq il-pjanu mis-Sur Jos. Vella.

Fl-aħħar, bħala għeluq, sar reċitar ta' xeni mill-kummiedji soċjali tal-kommedjografu Pisani li ma nħadmux f'Għawdex u ta' waħda min-novelli drammatizzata tiegħu.

F'dan is-Soirèee kien hemm l-*élite* taċ-ċittadinanza Għawdxija, fost oħrajn rappreżentanza sabiħa ta' studenti żgħażagħ ammiraturi tal-Poeta Pisani.

Aħna, mill-banda tagħna, nifirħu wkoll lill-Membru tagħna għall-ġieħ li ngħatalu fil-karriera professjonali tiegħu u nixtiequlu minn qalbna r-riżq kollu li tassew jistħoqqlu għax-xogħol kemm letterarju kemm amministrativ u li bih qed iżejjen l-isem ta' Art Twelidu.

## IS-SUR GODFREY ZARB ADAMI

### FL-AMERIKA GĦAL KORS SPEĊJALI

Għandna l-pjaċir inħabbru illi s-Sur GODFREY ŻARB ADAMI, is-Segretarju tal-Għaqda, siefer għall-Amerika għal kors ta' sistemi ta' tagħlim skolastiku taħt il-protezzjoni tal-"International Education Exchange Programme" li hu ippatroċinat mill-Gvern ta' l-Istati Uniti

Lis-Sur GODFREY ZARB ADAMI, li l-lum, bħala Spettur ta' l-Iskejjel Primarji mexa hekk 'il quddiem fil-karriera skolastika tiegħu, nifirħulu bil-qalb kollha u nixtiqulu kull riżq fil-kors speċjali ta' l-istudji profesjonali tiegħu.



## EPIGRAMMI

Ta' Ġ. Aquilina

### ALLAT

Hemm Alla wieħed biss, li jgħid nemmnuh,
Għax Alla la qatt qarraq, la jitqarraq;
X'uħud min-nies bħal Alla jistennew
Nemmnu li jgħidu, sewwa jew imgħarraq.

### LIL . . .

Inħeba wara l-isem ta' D'Annunzio
U ħebb għalija, ħebb għall-verità;
Habib, għażiltu tajjeb il-psewdonimu:
L-akbar imgħallem ta' l-oxxenità.

### IDOLATRIJA

Meta l-bnedmin jitilfu l-qima għal Alla
Jiksbu minn flokha l-qima għall-allat;
Kull min ġarraf altar minfloku talla'
Ieħor ta' qerq lill-Anġlu Indannat.

### IL-QALB

"Af qalb il-bniedem, ibni," qal qassis,
"Bħal bir li jiġbor l-ilma tal-qigħan;
"Jekk l-ilma hu safi l-qalb hi ta' qaddis,
"Jekk l-ilma mdardar, il-qalb hi ta' xitan."

### LIL POETA

Poeta li tinsab midfun f'dal-qabar
U f'ħajtek ħaddimt biss il-ħajr tal-vers,
Għadmek ġozz trab u lanqas jimla qoffa,
'Mma l-ġmiel ta' għanjietek jimla l-univers.

### TRAĠEDJA

Hawnhekk f'dat-trab jinsab midfun poeta,
Fuq ġbinu idda l-ġmiel tal-Poeżija
Li tefgħet xaqq ta' dawl fuq qlub imdejqa:
'Mma qabel miet ċaħadha u rmieha.